



Brussell, 29 ta' Marzu 2019
(OR. en, de)

7881/19
ADD 1

Fajl Interistituzzjonal:
2018/0012(COD)

CODEC 790
TRANS 226
MAR 79
ENV 346
IA 111

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenza ta' skart minn bastimenti, li temenda d-Direttiva 2010/65/UE u li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE (**I-ewwel qari**)
- Adozzjoni tal-att leġislattiv
- Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Id-Direttiva 2005/35/KE dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri tikkomplementa l-qafas ġuridiku tal-Unjoni li jirregola r-rimi minn vapuri ta' sustanzi li jniġġsu, li jinkludi wkoll id-Direttiva dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenza ta' skart minn vapuri ("id-Direttiva PRF") billi tipprovdi mekkaniżmi ġuridiċi tal-Unjoni għall-implementazzjoni u l-infurzar tar-regolamenti dwar ir-rimi skont il-Konvenzjoni MARPOL. Għal dan il-għan, id-Direttiva 2005/35/KE għandha tqis il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva PRF, b'mod partikolari fir-rigward tas-sustanzi li jniġġsu u l-flusxi tal-iskart.

Meta wieħed iqis li d-Direttiva 2005/35/KE attwali tkopri biss is-sustanzi u r-regolamenti tal-iskarikar li jaqgħu taħt l-Annessi I u II tal-MARPOL, u bħala tali mhijiex allinjata kompletament mad-Direttiva PRF f'termini ta' kamp ta' applikazzjoni (id-Direttiva PRF il-ġdida se tkopri l-iskart kif definit fl-Annessi I, II, IV, V u VI tal-MARPOL, u tirreferi wkoll għan-normi ta' skarikar ta' dawk l-Annessi tal-MARPOL), il-Kummissjoni tieħu nota tas-sejħha tal-koleġiżlaturi biex tivvaluta l-ħtieġa li tīgħi riveduta d-Direttiva 2005/35/KE sabiex jiġi pprovdut qafas leġiżlattiv adegwat biex jiġi indirizzat it-tniġġis ikkawżat mill-vapuri.

Għalhekk, b'referenza għall-premessa 23a tad-Direttiva PRF futura, il-Kummissjoni tikkunsidra li twettaq il-proċess ta' rieżami tad-Direttiva 2005/35/KE.

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

Fil-prinċipju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tappoġġa r-reviżjoni tad-Direttiva 2000/59/KE u l-ġhanijiet tagħha. Nilqgħu b'mod partikolari l-allinjament neċċesarju tal-liġi tal-UE mal-qafas ġuridiku internazzjonali sabiex titjeb il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar mill-iskart tal-bastimenti.

Madankollu, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja topponi l-introduzzjoni ta' arranġamenti obbligatorji għas-sistemi ta' rkupru tal-ispejjeż minflok arranġamenti volontarju, kif previst fl-Artikolu 8(4b) tad-Direttiva fil-proposta oriġinali. Il-kompromess ma jqisx kif xieraq id-differenzi fid-daqs u l-istrutturi tal-portijiet. Aħna nissottolinjaw li deċiżjonijiet bħal dawn dwar it-tariffi portwarji jaqgħu fil-kompetenza tal-Istati Membri. Għalhekk, b'mod ġenerali, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma tistax tappoġġa l-qbil li ntlaħaq fit-tielet trilogu.